

Brussell, 24 ta' Jannar 2024
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2022/0025(NLE)
2023/0403(NLE)

15638/2/23
REV 2

POLCOM 279
FDI 33

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	15637/23 + ADD 1
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt tas-CETA stabbilit skont il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8.10, l-Anness 8-A, l-Artikolu 8.9.1 u l-Artikolu 8.39.3 tas-CETA f'konformità mal-Artikolu 26.1.5(e) tas-CETA - Adozzjoni

1. Fl-2022, il-Kummissjoni u l-Kanada bdew jiddiskutu l-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' investiment fil-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn l-UE u l-Kanada.
2. Fis-6 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni infurmat lill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Esperti – Servizzi u Investiment) (TPCSI) li kienet ikkonkludiet in-negozjati.

3. Fis-17 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni bagħtet lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8.10, l-Anness 8-A, l-Artikolu 8.9.1 u l-Artikolu 8.39.3 tas-CETA f'konformità mal-Artikolu 26.1.5(e)¹.
4. Fis-6 ta' Diċembru 2023, it-TPCSI approva l-proposta tal-Kummissjoni, soġġetta għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti. Sa fejn jaqa' wkoll fil-kompetenza tagħhom stess, l-Istati Membri kollha kienu f'pożizzjoni li jaqblu mal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li ma tistax tiġi interpretata bħala li taffettwa l-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 15639/23 + ADD 1; kif ukoll
 - jieħu nota li l-Parlament Ewropew ser jiġi mgħarraf f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament.
-

¹ ST 15637/23 u ST 15637/23 ADD1.